# Logħob Folkloristiku Malti

Il-Logħob folkloristiku Malti huwa l-logħob favorit tal-Maltin. Fosthom hemm il-passju, il-boċċi, in-noli, it-tiġieġa l-għamja, il-ħabel u ħafna aktar. Ftit minn dawn il-logħob illum il-ġurnata għadhom jintlagħbu eżempju l-passju, il-brilli, in-noli u l-ħabel. Ħafna mit-tfal fl-iskejjel jilagħbu l-passju u ftit mis-subien jilagħbu bil-boċċi. Anki l-logħob bil-lastiku kienu jilagħbu fl-antik. Il-ġugarelli ta' dak iż-żmien kienu l-pupa tad-drapp, il-karozza tal-injam, il-ħabel, iż-żibeg u ħafna aktar.

**Il-Passju**

Il-passju kien wieħed mill-iktar logħob preferuti ta' missirijietna. Qabel ma kienet tintlagħab il-logħba, xi ħadd kellu jpinġi kaxxa u ġo fiha kien ikollha disa' kaxxi zgħar. Il-logħba kienet tikkonsisti li min imissu, iwaddab il-ġebla l-ewwel mill-wieħed imbagħad ikompli sejjer sad-disgħa u jaqbeż il-kaxxi kolla mingħajr ma jirfes il-lajn.



**Il-Ħabel**

Il-ħabel kien wieħed mill-aktar logħob preferuti tal-bniet. Dan kien jintlagħab billi min jaqbeż il-ħabel l-iktar darbiet jirbaħ. Hija logħba vera diffiċli iżda meta tara lil xi tifla taqbeż il-ħabel taħseb li mhix daqshekk diffiċli.

**Iż-Żibeġ**

Iż-żibeġ huwa wieħed mill-aktar logħob antiki f'Malta. Dawn kienu jintlagħbu l-iktar mill-bniet. Il-bniet kienu jagħmlu kullani bihom, kienu jpartuhom u kienu jilagħbu t-toqba bihom u jimmiraw u jwaddbu ż-żibga ġot-toqba.

**Il-pupa tad-drapp u l-karozza tal-injam**

Il-pupa tad-drapp dejjem kienet magħmula mid-drapp. Il-bniet kienu jraqqduha magħhom jew inkella joqogħdu jilagħbu biha. Il-karozza tal-injam kienet dejjem magħmula mill-injam u l-mastrudaxxa kien ibigħha prezz żgħir għas-subien. Is-subien kienu jilagħbu biha wkoll.

**Pizzi Pizzi Kanna**

Din il-logħba tintlagħab bejn żewġt itfal jew iktar billi jiftħu s-swaba' kollha ta' jdejhom waqt li xi ħadd jgħid it-taqbila u ma' kull sillaba jimxi minn fuq seba' għal ieħor ta' kull min ikun qed jilgħab. Malli tispiċċa t-taqbila, ineħħu dak is-seba' li jkun waqaf fuqu dak li jkun qed jgħid it-taqbila. Min jispiċċa bis-swaba' kollha mdaħħlin 'il ġewwa l-ewwel ikun it-tellief.

**Iż-żunzana ddur iddur**

Din il-logħba tintlagħab bejn grupp ta' tfal ta' iktar minn tlieta. Kulħadd ipoġġi f'ċirku waqt li titkanta din it-taqbila. Xi ħadd mill-grupp ikun qed jiġri madwar dan iċ-ċirku b'ġebla żgħira f'idu donnu żunżana. Malli tispiċċa t-taqbila, dak li jkun qed jiġri (iż-żunżana) ipoġġi l-ġebla wara dahar it-tifel li jkun wasal warajh. Dak li jkollu l-ġebla warajh imbagħad irid iqum jiġri wara ż-żunżana u jipprova jaqbadha.

Jekk jaqbadha, iż-żunżana jkollha tpoġġi f'nofs iċ-ċirku u ma tilgħabx iżjed. Iżda jekk jirnexxilha ddur iċ-ċirku sħiħ u tpoġġi flok dak li jkun qed jiġri warajha tirbaħ il-post. B'hekk, it-tifel li jkun qed jiġri jispiċċa hu ż-żunżana u l-logħba tibqa' sejra hekk sakemm kulħadd jispiċċa bilqiegħda f'nofs iċ-ċirku.

**Brilli**

Partita (sett) brilli jkunu jikkonsistu f'disa' brilli, injamiet ċilindriċi; tmienja l-istess, u wieħed ikollu bħal boċċa n-naħa ta' fuq. Jitqiegħdu fl-art f'forma ta' maqrud. Tal-kantunieri jissejħu 'qriemeċ', ta' bejn il-qriemeċ jissejħu s-'sekondi', u tan-nofs jissejjaħ 'is-sultan. Il-logħob isir b'boċċa kemmxejn kbira ta' l-injam mill-messa (sinjal miftiehem) u t-tieni darba meta jmissu jsir mill-ħażż, fejn tieqaf il-boċċa fl-ewwel tefa'. Il-punti jintrebħu skond xi brilli jaqgħu. Il-logħba tintrebaħ minn min jgħaqqad il-punti l-ewwel. Din il-logħba fil-preżent għadek tista' taraha tintlagħab biss.

